MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Numru 929/2002

**Artiklu 9 tal-Kapitlu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond D'Anastas**
**v**

**JOHN MUSCAT**

**Seduta ta' llum, 9 ta' Dicembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOHN MUSCAT** ta' tnejn w erbghin sena bin John u Carmen nee Pisani imwieled Pieta nhar s-sitta ta' Frar, 1960 u joqghod 42, Meadow Sweet, Triq l-Alwetta, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 138160M gie mressaq quddiema akkuzat talli fl-ghoxrin ta' Settembru, 2002 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija gewwa l-Birrerija ta' Farsons sitwata fl-Imriehel, ikkommetta serq ta' birra ghad-dannu ta'

Simmonds Farsons Cisk plc liema serq huwa aggravat bil-persuna, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jews akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom u talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix l-hamsin lira malitn imma hija izjed minn ghaxar liri maltin ghad-dannu tal-istess Simmonds Farsons Cisk plc.

Il-Qorti rat id-dokumetazzjoni kollha esebita f’dawn l-atti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali esebit u mmarkat bhala dokument CSH 1 datat sebgha ta’ Novembru 2002 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat ukoll illi l-imputat irregistra ammissjoni ghal akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu b’mod partikolari ghal ewwel u t-tielet akkuza.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputat ikkopera bis-shih maghha u l-ammont involut f’dan is-serq kien jammonta ghal zewg kaxxi birra.  In oltre l-hsara volontarja kienet biss ta’ ghoxrin lira u llum il-gurnata ir-rikavat gie wkoll moghti lura lil Simmonds Farsons Cisk.

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija fedina penali netta b’ebda tebgha ta’ kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

**Ghaldaqstant wara li semghet l-ammissjoni tal-imputat u rat li l-Prosekuzzjoni ma’ gabitx provi dwar it-tieni akkuza tiddeciedi billi ssib lil imputat hati tal-ewwel u it-tielet akkuza u tilliberah mill-akkuza ta’ ricetazzjoni.**

**Fil-konfront tal-piena il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u tiddeciedi billi tillibera lil imputat JOHN MUSCAT bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ sentejn mill-llum ai termini tal-artiklu 9 tal-Kapitlu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta,**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Magistrat**